**3 ta' Diċembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. J.A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**

Tabib Dottor Charles Grixti

*versus*

Paul Abela bħala direttur u in rappreżentanza tas-soċjetà Valtrans Cargo Services Ltd.

**Danni - *CMR Rules* - Kuntratt ta' Trasport - Preskrizzjoni - Dekadenza**

*L-attur aġixxa biex jirkupra danni konsistenti f'telf. Il-Qorti rriteniet illi l-klawsoli tal-*Bill of Lading *u* CMR rules *ma kinux japplikaw u għalhekk kienu japplikaw ir-regoli ordinarji. Ġiet milqugħa t-talba attriċi.*

Il-Qorti:-

L-attur f'din il-kawża qed jallega li hu kien inkariga lis-soċjetà konvenuta tittrasporta għalih l-għamara u oġġetti mobbli oħra minn Oxford, l-Ingilterra sar-residenza tiegħu tas-Sliema, Malta *from door to door*; li l-istess oġġetti inġabru l-Ingilterra mir-residenza ta' l-attur fis-16 ta' Mejju, 1983 (Dok. A); li meta saret il-konsenja ta' l-istess oġġetti hawn Malta, l-attur ma sabx is-segwenti oġġetti riżultanti fil-kawża, i.e. *video cassette recorder* tal-marka Sony u *cruet set* antika tal-fidda (Birmingham 1922) konsistenti f'ħames biċċiet - żewġ reċipjenti għall-bżar, żewġ reċipjenti għall-melħ, reċipjent għall-mustarda u żewġ kuċċarini, li l-attur informa lill-konvenut immedjatament b'dan in-nuqqas u żamm lill-istess soċjetà konvenuta responsabbli għalih u għad-danni riżultanti mill-istess nuqqas sofferti minnu; u billi l-konvenut *nomine* ma resaqx għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni - għalhekk kellu jistitwixxi din l-azzjoni;

Min-naħa tiegħu, il-konvenut *nomine*, bin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu, ta' l-10 ta' Lulju, 1984, eċċepixxa li huwa ma kien bl-ebda mod responsabbli għad-danni sofferti mill-attur u dan kemm-il darba l-istess attur, qabel xejn, jirnexxilu

jipprova li huwa sofra l-imsemmija danni;

Aktar tard, fil-mori tal-kawża, l-istess konvenut *nomine* eċċepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni ta' sena, ossia l-perijodu ta' dekadenza ta' sena, stabbilit mis-*CMR Regulations* u dan stante l-fatt li l-merċi *de quo* waslu Malta fl-24 ta' Mejju, 1983, u l-kawża odjerna ġiet istitwita fis-7 ta' Ġunju, 1984 - liema *regulations* ġew ripetutament abbraċċati mill-Qrati tagħna;

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża huma s-segwenti: l-attur kien ser jitlaq mir-residenza tiegħu f'Oxford biex jiġi lura Malta. Billi kien ħabib ma' l-Avukat Dr. Gino Camilleri, illum Maġistrat, kien ħallielu prokura biex jittratta ma' xi ħadd hawn Malta li jiġi nkarikat iġorrlu ħwejġu hawnhekk. L-istess persuna kkuntattjat l-istess soċjetà konvenuta f'dan ir-rigward billi kelmet direttament lill-konvenut. Dan kien għall-ħabta ta' Marzu/April, 1983. L-istess Dr. Camilleri u Paul Abela kienu tkellmu u ftehmu fuq prezz tal-ġarr u dan *from door to door basis*. Dan ifisser li l-konvenut kellu jintriga għall-ġarr ta' l-effetti personali ta' l-attur mid-dar tiegħu f'Oxford sad-dar tiegħu f'Malta. Wara li Dr. Camilleri u Paul Abela *nomine* kienu tkellmu u ftehmu fuq dan it-trasport, l-attur ikkonferma l-ftehim u b'dan ġie mgħarraf il-konvenut li kkonferma l-istess b'ittra mibgħuta lill-prokuratur ta' l-attur;

Lill-attur jew lill-prokuratur tiegħu qatt ma ngħatat ebda *bill of lading* u għalhekk il-ftehim jidher li jikkonsisti f'dan li waslu għalih Dr. Camilleri u l-konvenut u kif ikkonfermat bl-ittra. Kif xehed l-istess Dr. Camilleri: "għalih kien kuntratt sempliċi ta' ġarr". Minn imkien ma jirriżulta li dan kien xi kuntratt differenti minn li semma' l-istess prokuratur fix-xhieda. Infatti, skond dan: "lili ma spjegali ebda kundizzjonijiet speċjali jew anormali. Għalija kien kuntratt sempliċi ta' ġarr". Dan l-istat ta' fatt mhux anqas ikkontestat mill-konvenut fix-xhieda

tiegħu. Għalhekk kwindi, jirriżulta li l-ftehim kien eżattament kif semma' l-istess Dr. Gino Camilleri. Kwindi għalhekk l-istess ftehim kien sempliċi kuntratt ta' ġarr *from door to door basis*. Illum għalhekk, il-konvenut ma jistax jivvanta xi drittijiet favur tiegħu li seta' kellu kieku l-kuntratt kien skond *bill of lading* li forsi soltu jorbot lilu ma' xi klijent simili f'każ ta' trasport. Kwindi għalhekk, l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu ta' preskrizzjoni bbażata fuq is-*CMR Regulations* m'għandha ebda bażi ta' xejn għaliex dawn ma kellhom ebda parti fil-ftehim ta' bejn il-partijiet u kienet anzi estranea għall-istess;

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-oġġetti li kellu jġorr il-konvenut minn Oxford għall-Malta tgħabbew u jirriżultaw li meta ġew ikkonsenjati lill-attur kien hemm xi oġġetti neqsin. Dawn jikkonsistu f'*video cassette recorder* tal-marka Sony u l-*cruet set* li hemm deskritt fiċ-ċitazzjoni. Għalhekk, jidher illi, skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet dwar it-trasport *door to door*, il-konvenut *nomine* huwa responsabbli għan-nuqqas ta' l-oġġetti in kwistjoni. L-attur, wara investigazzjoni li għamel f'Malta dwar il-prezz ta' *video*, sab li bħal tiegħu ma jistax jidħol Malta u fuq dawk il-*videos* li jidħlu hemm *customs duty* ta' 120%, fuq il-prezz. L-unika wieħed li sab għall-bejgħ kien għand il-Jokate Stores fi Guardamangia u l-prezz tiegħu kien ta' Lm710. Huwa esebixxa d-Dok. K biex jikkonferma dan. Din il-Qorti hija inklinata li taċċetta din is-somma billi, fil-fehma tagħha, jidhrilha li hija raġonevoli. Il-*cruet set*, hemm ix-xhieda ta' l-istess attur li xtrah Lm120. Din ix-xhieda fiż-żewġ każijiet ma ġietx attakkata b'ebda mod;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u għalhekk: tiddikjara u tiddeċidi li l-konvenut *nomine* huwa responsabbli għan-nuqqas tal-*video cassette recorder* tal-marka Sony u l-*cruet set* deskritti fiċ-ċitazzjoni u għad-danni riżultanti mill-istess nuqqas. Tillikwida d-danni

sofferti mill-attur, minħabba r-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, fl-ammont ta' Lm830 u tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas lill-attur is-somma ta' Lm830, somma hekk likwidata skond it-tieni domanda u dan għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni;

Bl-ispejjeż u imgħaxijiet mitluba.

---